

Linji gwida dwar is-solvibbiltà tal-grupp

Introduzzjoni

- 1.1. Dawn il-Linji gwida huma mfasla skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni (minn hawnhekk 'il quddiem ir-“Regolament dwar l-EIOPA”)¹.
- 1.2. Il-Linji gwida jirrigwardaw l-Artikoli 212 sa 235 u l-Artikoli 261 sa 263 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (minn hawnhekk 'il quddiem id-“Direttiva dwar is-Solvibbiltà II”)² u mal-Artikolu 328 sal-Artikolu 342 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni³.
- 1.3. Dawn il-Linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji taħt Solvibbiltà II.
- 1.4. Il-Linji gwida dwar il-kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp għandhom l-għan li jispeċifikaw u jarmonizzaw ir-rekwiżiti dwar il-kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp.
- 1.5. Il-Linji gwida japplikaw għall-metodi kollha ta' kalkulazzjoni tas-solvibbiltà tal-grupp sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Meta jkun rilevanti, il-formula standard jew il-mudell intern se jkunu speċifikati fil-Linji gwida.
- 1.6. Il-Linji gwida jipprovdu gwida dwar it-trattament ta' gruppi taż-ŻEE fil-kuntest tal-Artikoli 215 sa 217 tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II.
- 1.7. Meta l-grupp ikun permess li juża l-metodu 2 sabiex jikkalkula s-solvibbiltà tal-grupp u bil-kundizzjoni li l-Istat Membru jkun implimenta l-opzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 227 tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II, jistgħu jintużaw ir-rekwiżiti kapitali tas-solvenza lokali u l-fondi proprji eliġibbli kif stabbiliti mill-pajjiż terz ekwivalenti.
- 1.8. Jekk mhumiex definiti f'dawn il-Linji gwida, it-termini għandhom it-tifsira definita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.
- 1.9. Il-Linji gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2015.

¹ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48-83

² ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1-155

³ ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1-797

Linja gwida 1 – Kamp ta' applikazzjoni tal-grupp għall-kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp

1.10. L-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta responsabbli għall-kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp għandhom jassiguraw li jkopru r-riskji u l-impriżi relatati kollha li jagħmlu parti mill-grupp, sakemm ma jkunux esklużi mod ieħor fl-Artikolu 214(2) tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II.

Linja gwida 2 - Proċess ta' konsolidazzjoni

1.11. L-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandhom jipprovdu gwida lill-impriżi relatati kollha dwar kif għandhom jippreparaw id-dejta għall-iskop ta' kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp. Huma għandhom jipprovdu l-istruzzjonijiet neċessarji għall-preparazzjoni ta' dejta konsolidata, kombinata jew aggregata skont il-metodu użat għall-kalkolu. Huma għandhom jassiguraw li l-istruzzjonijiet tagħhom jiġu applikati b'mod adegwat u omoġenju fi ħdan il-grupp fir-rigward tar-rikonossiment u l-valwazzjoni ta' entrati tal-karta tal-bilanċi kif ukoll l-inklużjoni u t-trattament tal-impriżi relatati.

Linja gwida 3 - Valutazzjoni ta' influwenza sinifikanti u dominanti

1.12. Fl-istabbiliment tal-kamp ta' applikazzjoni tal-grupp, l-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandhom jassiguraw li kwalunkwe deċiżjoni meħuda mis-superviżur tal-grupp fir-rigward tal-livell ta' influwenza effettivament eżerċitata minn kwalunkwe impriża fuq impriża oħra tkun qed tiġi implimentata.

Linja gwida 4 – Każ tal-applikazzjoni ta' superviżjoni tal-grupp

1.13. Billi l-erba' każijiet ta' applikazzjoni ta' superviżjoni tal-grupp imsemmija fl-Artikolu 213(2)(a) sa (d) tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II mhumiex esklussivi reċiprokament, l-awtoritajiet ta' sorveljanza għandhom jikkunsidraw li japplikaw il-każijiet differenti ta' superviżjoni tal-grupp preskritti skont dan l-Artikolu fi ħdan l-istess grupp.

Linja gwida 5 - Impriża prinċipali tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta bil-kwartieri ġenerali tagħha f'pajjiż terz

1.14. Skont l-Artikolu 215 tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II, fejn ikun jeżisti subgrupp imsemmi fl-Artikolu 213(2)(a) u (b) tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II, l-aġent superviżur tal-grupp kif definit fl-Artikolu 260 tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II, wara li jikkonsulta ma' awtoritajiet superviżorji oħra, għandu jassigura li s-superviżjoni tal-grupp tapplika b'mod awtomatiku fil-livell tal-impriża prinċipali aħħarija fl-Unjoni Ewropea.

1.15. Madankollu, fejn l-impriża prinċipali tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta jkollha l-kwartieri ġenerali tagħha barra miż-ŻEE u tkun soġġetta għal superviżjoni tal-grupp ekwivalenti ta' pajjiż terz, l-aġent

superviżur tal-grupp kif definit fl-Artikolu 260 tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II għandu jibbaża fuq is-superviżjoni tal-grupp eżerċitata mill-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż terz, skont l-Artikolu 261 tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II, u jeżenta l-grupp tal-pajjiż terz minn superviżjoni tal-grupp fil-livell aħħari tal-Unjoni Ewropea fuq bażi ta' każ b'każ, fejn dan jirriżulta f'superviżjoni aktar effiċjenti tal-grupp u ma jdgħajjix l-attivitajiet superviżorji tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati fir-rigward tar-responsabbiltajiet individwali tagħhom.

1.16. Wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati, l-aġent superviżur tal-grupp kif definit fl-Artikolu 260 tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II għandu jikkunsidra li nkisbet superviżjoni aktar effiċjenti tal-grupp meta jintlaħqu l-kriterji li ġejjin:

- (a) is-superviżjoni tal-grupp mad-dinja kollha tippermetti valutazzjoni robusta tar-riskji li jkunu esposti għalihom is-sottogrupp taż-ŻEE u l-entitajiet tiegħu, b'konsiderazzjoni tal-istruttura tal-grupp, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji u l-allokkazzjoni ta' kapital fi ħdan il-grupp;
- (b) il-kooperazzjoni attwalment fis-seħħ bejn is-superviżur tal-grupp tal-pajjiż terz u l-awtoritajiet superviżorji taż-ŻEE għall-grupp ikkonċernat hija strutturata u mmaniġġjata sewwa permezz ta' laqgħat regolari u skambju xieraq ta' informazzjoni fi ħdan kulleġġ ta' superviżuri li għalih ikunu mistiedna l-awtoritajiet superviżorji taż-ŻEE u l-EIOPA;
- (c) pjan ta' ħidma annwali, li jinkludi eżamijiet konġunti fuq il-post, jiġi maqbul f'dawn il-laqgħat regolari mill-awtoritajiet superviżorji involuti fis-superviżjoni tal-grupp.

1.17. Fejn l-impriża prinċipali tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta jkollha l-kwartieri ġenerali tagħha barra miż-ŻEE u ma tkunx soġġetta għal superviżjoni ekwivalenti ta' pajjiż terz, is-superviżjoni tas-solvibbiltà tal-grupp għandha tiġi applikata fil-livell tal-impriża prinċipali aħħarija fl-Unjoni Ewropea meta jkun jeżisti grupp kif definit mill-Artikolu 213(2) (a) jew (b) tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II. Fejn ma jkunx jeżisti tali grupp, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jiddeċiedu jekk jitolbux, bis-saħħa tal-Artikolu 262(2) tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II, l-istabbiliment ta' kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha fl-Unjoni Ewropea u jissoġġettaw 'il dan il-grupp taż-ŻEE għal superviżjoni tal-grupp u kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp.

Linja gwida 6 - L-impriża prinċipali hija kumpanija tal-assigurazzjoni b'parteċipazzjoni mħallta

1.18. Fejn il-kumpanija prinċipali tkun kumpanija tal-assigurazzjoni b'parteċipazzjoni mħallta, il-kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp għandu japplika għal kwalunkwe parti tal-grupp li tissodisfa l-kriterji tal-Artikolu 213(2)(a)(b) jew (c) tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II, pjuttost milli għall-kumpanija tal-assigurazzjoni b'parteċipazzjoni mħallta.

Linja gwida 7 – Applikazzjoni tal-metodu ta' kalkulazzjoni

1.19. Għall-iskop ta' kalkulazzjoni tas-solvibbiltà tal-grupp, l-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandhom jikkunsidraw l-istess kamp ta' applikazzjoni kif stabbilit fil-Linja gwida 1, irrispettivament minn jekk intużax il-metodu ta' kalkulazzjoni 1, il-metodu ta' kalkulazzjoni 2 jew kombinazzjoni taż-żewġ metodi.

Linja gwida 8 - Għażla tal-metodu ta' kalkulazzjoni u valutazzjoni tat-tranżazzjonijiet fost l-impriżi ta' grupp

1.20. Meta jiddeċiedi jekk l-applikazzjoni esklużiva tal-metodu 1 mhijiex xierqa skont l-Artikolu 328(1)(e) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, is-superviżur tal-grupp għandu jikkunsidra l-preżenza ta' tranżazzjonijiet fost l-impriżi ta' grupp bejn l-impriża relatata li tkun qed tiġi valutata għal tnaqqis u aggregazzjoni u l-entitajiet l-oħra kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp.

Linja gwida 9 - Sehem proporzjonali

1.21. Fejn impriża relatata tkun marbuta ma' impriża oħra permezz ta' relazzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE, l-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandha tiddetermina s-sehem proporzjonali li għandu jintuża meta tiġi kkalkulata s-solvibbiltà tal-grupp, irrispettivament mill-għażla tal-metodu ta' kalkulazzjoni.

1.22. B'mod awtomatiku, għandu jintuża sehem proporzjonali ta' 100%. Fejn grupp ifittex li juża perċentwal ieħor, huwa għandu jispjega lis-superviżur tal-grupp għaliex huwa xieraq. Wara li jikkonsulta lill-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati u lill-grupp innifsu, is-superviżur tal-grupp għandu jiddeċiedi dwar l-adegwatezza tas-sehem proporzjonali magħżul mill-grupp.

1.23. Meta jkun qegħdin jikkalkulaw is-solvibbiltà tal-grupp skont il-metodu 1, l-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandha tiddetermina s-sehem proporzjonali li jkollha fl-impriżi relatati tagħha billi tiegħu:

(a) 100% meta tinkludi sussidjarja skont l-Artikolu 335(1)(a) u (b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor skont il-Linja gwida 10;

(b) il-perċentwal użat għall-istabbiliment tal-kontijiet konsolidati, meta jiġu inklużi impriżi skont l-Artikolu 335(1)(c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;

(c) il-proporzjon tal-kapital sottoskritt li jkun miżmum, direttament jew indirettament, mill-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta, meta jiġu inklużi impriżi relatati skont l-Artikolu 335(1)(e) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

Linja gwida 10 - Kriterji għar-rikonoxximent tad-defiċit ta' solvibbiltà ta' sussidjarja fuq bażi proporzjonali

- 1.24. Sabiex tipprova li r-responsabbiltà tal-impriża prinċipali hija limitata strettament għas-sehem ta' kapital tas-sussidjarja tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni kif previst fl-Artikolu 221(1) tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II, l-impriża prinċipali għandha tipprovdi evidenza lis-superviżur tal-grupp li jkunu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:
- (a) ma jkun hemm fis-seħħ l-ebda ftehim għat-trasferiment tal-profitt u t-telf u l-ebda garanzija, ftehimiet għaż-żamma tal-valur nett jew ftehimiet oħra tal-impriża prinċipali jew ta' kwalunkwe impriża relatata li tipprovdi appoġġ finanzjarju;
 - (b) l-investiment fis-sussidjarja ma jkunx meqjus bħala investiment strateġiku għall-impriża prinċipali;
 - (c) l-impriża prinċipali ma tibbenefika mill-ebda vantaġġ mill-parteċipazzjoni tagħha fis-sussidjarja, fejn tali vantaġġ jista' jieħu l-forma ta' tranżazzjonijiet fost l-impriżi ta' grupp bħal self, ftehimiet ta' riassigurazzjoni jew ftehimiet ta' servizz;
 - (d) is-sussidjarja ma tkunx komponent ċentrali tal-mudell kummerċjali tal-grupp, b'mod partikolari fir-rigward tal-prodotti offruti, il-bażi tal-klijenti, is-sottoskrizzjoni, id-distribuzzjoni, l-istrateġija u l-ġestjoni tal-investimenti; barra minn hekk ma tkunx qiegħda topera taħt l-istess isem jew marka, u ma jkunx hemm responsabbiltajiet konverġenti fil-livell tal-maniġment superjuri tal-grupp;
 - (e) ftehim bil-miktub bejn l-impriża prinċipali u s-sussidjarja jillimita b'mod espliċitu l-appoġġ tal-impriża prinċipali f'każ ta' defiċit ta' solvibbiltà lis-sehem tal-impriża prinċipali fil-kapital ta' dik is-sussidjarja. Barra minn hekk, is-sussidjarja għandu jkollha fis-seħħ strateġija biex tirrisolvi d-defiċit ta' solvibbiltà, bħal garanziji minn azzjonisti minoritarji.
- 1.25. Meta sussidjarja tkun inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell intern sabiex jiġi kkalkulat ir-reqwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp, is-superviżur tal-grupp m'għandux jippermetti lill-impriża prinċipali li tikkunsidra d-defiċit ta' solvibbiltà fuq bażi proporzjonali.
- 1.26. Is-superviżur tal-grupp għandu jivvaluta tali kriterji, wara li jikkonsulta lill-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati u lill-grupp innifsu, fuq bażi ta' każ b'każ, billi jikkunsidra l-karatteristiċi speċifiċi tal-grupp.
- 1.27. L-istatus ta' responsabbiltà strettament limitata tal-impriża prinċipali għandu jkun soġġett għal eżami annwali mis-superviżur tal-grupp.
- 1.28. L-impriża prinċipali u s-sussidjarja għandhom jiddivulgaw id-deċiżjoni pożittiva tas-superviżur tal-grupp li tippermetti r-rikonoxximent tad-defiċit ta' solvibbiltà fuq bażi proporzjonali sabiex jinfurmaw lid-detenturi ta' polza u lill-investituri, bħala informazzjoni materjali fis-sezzjoni dwar il-ġestjoni kapitali tal-grupp u r-Rapport dwar is-Solvenza u l-Kondizzjoni Finanzjarja individwali.

1.29. Fil-preparazzjoni tad-dejta konsolidata bl-użu tal-metodu 1, il-fondi proprji u r-rekwiżit kapitali tas-solvenza tas-sussidjarja għandhom jiġu kkalkulati fuq bażi proporzjonali minflok ma tiġi applikata konsolidazzjoni sħiħa.

1.30. Fil-preparazzjoni tad-dejta aggregata bl-użu tal-metodu 2, il-fondi proprji u r-rekwiżit kapitali tas-solvenza tas-sussidjarja għandhom jiġu kkalkulati billi jintuża s-sehem proporzjonali ta' dik is-sussidjarja, anki fil-każ ta' defiċit ta' solvibbiltà.

Linja gwida 11 - Trattament ta' impriżi relatati speċifiċi għall-kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp

1.31. Meta l-impriżi ta' setturi finanzjarji oħra jiffurmaw grupp soġġett għal rekwiżit kapitali settorjali, l-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandhom jikkunsidraw li jużaw ir-rekwiżiti ta' solvibbiltà ta' tali grupp minflok it-total tar-rekwiżiti ta' kull impriża individwali meta jikkalkulaw is-solvibbiltà tal-grupp.

Linja gwida 12 - Kontribuzzjoni ta' sussidjarja għar-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp

1.32. Meta jintuża l-metodu 1 u meta tiġi applikata l-formula standard, l-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandhom jikkalkulaw il-kontribuzzjoni ta' sussidjarja għar-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp skont l-Anness Tekniku 1.

1.33. Għall-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, kumpanija azzjonarja intermedja tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta intermedja kkonsolidati skont l-Artikolu 335 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, il-kontribuzzjoni tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza individwali għandha tiġi kkalkulata billi jitqies is-sehem proporzjonali użat għall-istabbiliment tad-dejta konsolidata.

1.34. Meta r-rekwiżit kapitali tas-solvenza ta' grupp konsolidat jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' mudell intern, il-kontribuzzjoni ta' sussidjarja għar-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp għandha tkun il-prodott tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza ta' dik is-sussidjarja u l-perċentwal li jikkorrispondi għall-effetti tad-diversifikazzjoni attribwiti lil dik is-sussidjarja skont il-mudell intern.

1.35. Meta jintuża l-metodu 2, il-kontribuzzjoni ta' sussidjarja għar-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp għandha tkun is-sehem proporzjonali tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza individwali, billi mhumiex ikkunsidrati effetti tad-diversifikazzjoni fuq livell tal-grupp.

Linja gwida 13 - Disponibbiltà ta' fondi proprji f'livell tal-grupp, ta' impriżi relatati li mhumiex sussidjarji

1.36. L-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandhom jivvalutaw id-disponibbiltà ta' fondi proprji, skont l-Artikolu 222(2) tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II u l-Artikolu 330 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, ta' impriżi relatati tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni,

kumpaniji azzjonarji intermedji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta intermedji li mhumiex sussidjarji u għal impriżi relatati tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji intermedji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta intermedji ta' pajjiżi terzi li mhumiex sussidjarji, meta l-entrati ta' fondi proprji ta' dawn l-impriżi jaffettwaw materjalment l-ammont ta' fondi proprji tal-grupp jew is-solvibbiltà tal-grupp. Huma għandhom jispjegaw lis-superviżur tal-grupp kif saret il-valutazzjoni.

1.37. Is-superviżur tal-grupp għandu jeżamina, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet superviżorji l-oħra involuti, il-valutazzjoni magħmula mill-grupp.

Linja gwida 14 - Trattament tal-interessi minoritarji sabiex jiġi kopert ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp

1.38. L-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandhom jikkalkulaw l-ammont ta' interessi minoritarji fil-fondi proprji eliġibbli, li għandhom jitnaqqsu mill-fondi proprji tal-grupp, għal kull sussidjarja, fl-ordni li ġej:

1. jikkalkulaw il-fondi proprji eliġibbli li jaqbzū l-kontribuzzjoni tas-sussidjarja għar-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp;
2. jidentifikaw u jnaqqsu l-ammont ta' fondi proprji mhux disponibbli li jaqbzū l-kontribuzzjoni tas-sussidjarja għar-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp mill-fondi proprji eliġibbli kkalkulati fil-pass 1;
3. jikkalkulaw il-parti tal-interessi minoritarji li għandha titnaqqas mill-fondi proprji tal-grupp billi s-sehem minoritarju jiġi mmultiplikat bir-riżultat tal-pass 2.

Linja gwida 15 - Trattament tal-fondi delimitati u l-portafolji tal-aġġustamenti ta' korrispondenza sabiex jiġi kopert ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp

1.39. Għall-impriżi kollha inklużi fil-kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp bl-użu tal-metodu 1 u għall-impriżi f'pajjiżi terzi mhux ekwivalenti inklużi fil-kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp bl-użu tal-metodu 2, l-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandhom japplikaw il-prinċipji għall-fondi delimitati u l-portafolji tal-aġġustamenti ta' korrispondenza kif stabbilit fl-Artikolu 81 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni u fl-Artikolu 217 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

1.40. Għal impriżi f'pajjiżi terzi ekwivalenti inklużi fil-kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp bl-użu tal-metodu 2, il-kumpanija parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandhom jidentifikaw kwalunkwe restrizzjoni għall-fondi proprji tal-impriżi minħabba delimitazzjoni tal-assi jew obligazzjonijiet jew arranġamenti simili, skont ir-reġim ekwivalenti ta' solvibbiltà. Dawn ir-restrizzjonijiet għandhom jitqiesu fil-kalkolu tas-solvibbiltà

tal-grupp bħala parti mill-valutazzjoni tad-disponibbiltà ta' fondi proprji fil-livell tal-grupp.

- 1.41. Meta jkunu qegħdin jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp bl-użu tal-metodu 1, l-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta m'għandhomx jeliminaw tranżazzjonijiet fost l-impriżi ta' grupp bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet assoċjati ma' kull fond materjali delimitat jew ma' kull portafoll tal-aġġustamenti ta' korrispondenza u d-dejta konsolidata li jifdal. Ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp ikkalkulat fuq il-bażi tad-dejta konsolidata għandu jkun it-total ta':
 - (a) ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza nozzjonali għal kull fond materjali delimitat u kull portafoll tal-aġġustamenti ta' korrispondenza, it-tnejn ikkalkulati mal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-fond delimitat, inklużi t-tranżazzjonijiet fost l-impriżi ta' grupp; u
 - (b) ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp (diversifikat) għad-dejta konsolidata li jifdal (esklużi l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-fondi materjali kollha delimitati, iżda inklużi l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-fondi delimitati kollha mhux materjali). Meta jiġu kkalkulati r-rekwiżiti kapitali tas-solvenza tal-grupp għad-dejta konsolidata li jifdal, it-tranżazzjonijiet fost l-impriżi ta' grupp għandhom jiġu eliminati, filwaqt li t-tranżazzjonijiet fost l-impriżi ta' grupp bejn id-dejta konsolidata li jifdal u l-fondi materjali delimitati m'għandhomx jiġu eliminati.
- 1.42. Meta grupp juża mudell intern biex jikkalkula r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza (minn hawn 'il quddiem "RKS") tal-grupp, huwa għandu juża l-gwida stabbilita fil-Linja gwida 13 tal-Linji gwida dwar il-fondi delimitati.
- 1.43. Id-dejta konsolidata li tintuża biex jiġu kkalkulati l-fondi proprji tal-grupp m'għandhiex tinkludi t-tranżazzjonijiet fost l-impriżi ta' grupp kif stabbiliti fl-Artikolu 335(3) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni. Għalhekk, it-tranżazzjonijiet kollha fost l-impriżi ta' grupp bejn il-fondi materjali delimitati u d-dejta konsolidata li jifdal għandhom jiġu eliminati għall-kalkolu tal-fondi proprji tal-grupp.
- 1.44. Għal kull fond materjali delimitat u għal kull portafoll tal-aġġustamenti ta' korrispondenza identifikati fi ħdan id-dejta konsolidata skont il-metodu 1, l-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandhom jikkalkulaw l-entrati ta' fondi proprji ristretti billi jużaw l-istess assi u obbligazzjonijiet tal-fond delimitat użat sabiex jiġi kkalkulat ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza nozzjonali jew il-portafoll tal-aġġustamenti ta' korrispondenza kif deskritt aktar 'il fuq, jiġifieri inklużi t-tranżazzjonijiet fost l-impriżi ta' grupp.
- 1.45. Għalhekk, il-fondi proprji ristretti totali fi ħdan il-fond delimitat jew il-portafoll tal-aġġustamenti ta' korrispondenza li għandhom jitnaqqsu mir-riżerva ta' rikonċiljazzjoni tal-grupp għandhom ikunu t-total tal-fondi proprji materjali ristretti kollha identifikati f'impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni taż-ŻEE u l-fondi proprji ristretti identifikati fi kwalunkwe impiża tal-

assicurazzjoni jew tar-riassicurazzjoni mhux taż-ŻEE fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dejta konsolidata.

Linja gwida 16 - Aġġustamenti relatati ma' fondi proprji mhux disponibbli għall-kalkolu tal-fondi proprji eliġibbli tal-grupp

- 1.46. Meta jużaw il-metodu 1, l-impriża parteċipanti tal-assicurazzjoni jew tar-riassicurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assicurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandhom inaqqsu l-parti tal-fondi proprji tal-impriżi relatati li ma tkunx disponibbli biex tkopri r-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp mill-entrati rilevanti tal-fondi proprji u l-livelli rilevanti tal-fondi proprji konsolidati tal-grupp.
- 1.47. Huma għandhom isegwu l-proċess deskritt hawn isfel għall-kalkolu tal-fondi proprji eliġibbli tal-grupp biex ikopru r-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp u r-rekwiżit kapitali tas-solvenza minimu konsolidat tal-grupp:
- (a) il-fondi proprji tal-grupp jiġu kkalkulati fuq il-bażi tad-dejta konsolidata, kif imsemmija fl-Artikolu 335(a) sa (f) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, wara li titnaqqas kwalunkwe tranżazzjoni fost l-impriżi ta' grupp;
 - (b) il-fondi proprji tal-grupp jiġu kklassifikati f'żewġ livelli;
 - (c) il-fondi proprji disponibbli tal-grupp jiġu kkalkulati bħala netti mill-aġġustamenti għall-grupp rilevanti fil-livell tal-grupp;
 - (d) il-fondi proprji eliġibbli jkunu soġġetti għall-istess limiti ta' livell li japplikaw fuq livell individwali sabiex ikopru r-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp u r-rekwiżit kapitali tas-solvenza minimu konsolidat tal-grupp.
- 1.48. Meta jużaw il-metodu 2, l-impriża parteċipanti tal-assicurazzjoni jew tar-riassicurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assicurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandhom jużaw it-total tal-fondi proprji eliġibbli tal-impriżi relatati wara li jnaqqsu l-fondi proprji mhux disponibbli fil-livell tal-grupp.
- 1.49. Għaż-żewġ metodi ta' kalkulazzjoni, fejn il-fondi proprji mhux disponibbli jkunu ġew ikklassifikati f'aktar minn livell wieħed, l-ordni li fih jitnaqqsu mil-livelli differenti għandu jiġi spjegat lis-superviżur tal-grupp.

Linja gwida 17 - Proċess għall-valutazzjoni tal-fondi proprji mhux disponibbli mis-superviżur tal-grupp

- 1.50. Fil-każ ta' grupp transfruntiera, is-superviżur tal-grupp għandu jiddiskuti l-valutazzjoni tiegħu tal-fondi proprji mhux disponibbli mal-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati fi ħdan il-kulleġġ u mal-impriża parteċipanti tal-assicurazzjoni u tar-riassicurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assicurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta. Il-proċess għandu jkun kif ġej:
- (a) fir-Rapport Superviżorju Regolari tagħha, l-impriża parteċipanti tal-assicurazzjoni jew tar-riassicurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assicurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandha tipprovdi lis-superviżur tal-grupp il-valutazzjoni tagħha tal-fondi proprji mhux disponibbli għall-impriżi kollha inklużi fil-kalkolu tas-solvibilità tal-

grupp. Huma għandhom jispjegaw ukoll l-aġġustamenti magħmula sabiex inaqqsu l-fondi proprji mhux disponibbli;

- (b) is-superviżur tal-grupp għandu jiddiskuti l-valutazzjoni tiegħu tal-fondi proprji mhux disponibbli fi ħdan il-kulleġġ kif ukoll mal-grupp;
- (c) kull awtorità superviżorja għandha tipprovdi l-valutazzjoni tagħha tad-disponibbiltà, fil-livell tal-grupp, tal-fondi proprji relatati mal-impriżi sorveljati;
- (d) is-superviżur tal-grupp għandu jiddiskuti mal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra jekk id-disponibbiltà tal-fondi proprji tinbidilx meta din tiġi valutata fuq livell individwali jew tal-grupp.

1.51. Fil-każ ta' grupp nazzjonali, is-superviżur tal-grupp għandu jiddiskuti l-valutazzjoni tiegħu tal-fondi proprji mhux disponibbli mal-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta.

1.52. Il-proċess għandu jkun kif ġej:

- (a) fir-Rapport Superviżorju Regolari tagħha, l-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandha tipprovdi lis-superviżur tal-grupp il-valutazzjoni tagħha tal-fondi proprji mhux disponibbli għall-impriżi kollha inklużi fil-kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp. Huma għandhom jispjegaw ukoll l-aġġustamenti magħmula sabiex jitnaqqsu l-fondi proprji mhux disponibbli;
- (b) is-superviżur tal-grupp għandu jiddiskuti l-valutazzjoni tiegħu tal-fondi proprji mhux disponibbli mal-grupp.

Linja gwida 18 - Riżerva ta' rikonċiljazzjoni fil-livell tal-grupp

1.53. L-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandha tassigura li r-riżerva ta' rikonċiljazzjoni fil-livell tal-grupp tkun ibbażata fuq l-Artikolu 70 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni. B'mod partikolari, l-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta fil-livell ta' grupp għandha tikkunsidra:

- (a) il-valur tal-ishma proprji miżmuma mill-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta jew l-impriżi relatati;
- (b) l-entrati ta' fondi proprji ristretti li jaqsbu r-rekwiżit kapitali tas-solvenza nozzjonali fil-każ ta' fondi delimitati u portafolji tal-aġġustamenti ta' korrispondenza fil-livell tal-grupp.

Linja gwida 19 - Stabbiliment tad-dejta konsolidata għall-kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp

1.54. Id-dejta konsolidata għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-kontijiet konsolidati li jkunu ġew stmati skont ir-regoli tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II fir-rigward tar-rikonoxximent u l-valwazzjoni tal-entrati fil-karta tal-bilanċi kif ukoll l-inklużjoni u t-trattament tal-impriżi relatati.

Linja gwida 20 - Stabbiliment tal-munita għall-iskop tal-kalkolu tar-riskju tal-valuta

1.55. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-valuta għandu jikkunsidra kwalunkwe teknika rilevanti tal-mitigazzjoni tar-riskju li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 209 sa 215 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni. Fejn ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza konsolidat jiġi kkalkulat bl-użu tal-formula standard, l-investimenti kollha denominati f'munita ffissata mal-munita tal-kontijiet konsolidati għandhom jiġu kkunsidrati skont l-Artikolu 188 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni fil-livell tal-grupp ukoll.

Linja gwida 21 - Rekwiżit kapitali tas-solvenza minimu konsolidat tal-grupp (livell minimu għar-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp)

1.56. Fl-istabbiliment tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza minimu konsolidat tal-grupp, meta jintuża l-metodu 1, waħdu jew flimkien mal-metodu 2, l-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandha tuża r-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

- (a) ir-rekwiżiti kapitali minimi tal-impriżi awtorizzati tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni taż-ŻEE inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-metodu 1;
- (b) ir-rekwiżiti kapitali lokali, li bihom tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni, għal impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ta' pajjiżi terzi inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-metodu 1, indipendentement minn kwalunkwe sejba ta' ekwivalenza.

Linja gwida 22 – Rekwiżit kapitali tas-solvenza minimu konsolidat tal-grupp

1.57. F'każ li jintuża l-metodu 1, waħdu jew flimkien mal-metodu 2, meta ma jkunx hemm aktar konformità mar-rekwiżit kapitali tas-solvenza minimu konsolidat tal-grupp, jew meta jkun hemm riskju ta' nuqqas ta' konformità fit-tliet xhur ta' wara, il-miżuri superviżorji stabbiliti fl-Artikolu 139(1) u (2) tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit kapitali minimu individwali għandhom japplikaw fil-livell tal-grupp.

Linja gwida 23 – Trattament tar-riskji speċifiċi tal-grupp

1.58. L-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandha tikkalkula r-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp billi tikkunsidra r-riskji materjali speċifiċi kwantifikabbli kollha li jeżistu fil-livell tal-grupp, li jistgħu jaffettwaw is-solvenza u l-pożizzjoni finanzjarja tal-grupp. Jekk ir-riskji speċifiċi tal-grupp ikunu materjali, il-grupp għandu juża parametri speċifiċi għall-grupp jew mudell intern parzjali għall-kalkolu tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza għar-riskji speċifiċi tal-grupp.

1.59. Dawn ir-riskji huma:

(a) ir-riskji li huma preżenti wkoll fuq livell individwali, iżda li l-impatt tagħhom huwa konsiderevolment differenti (li jgħibu ruħhom b'mod differenti) fil-livell tal-grupp; jew

(b) ir-riskji huma preżenti biss fil-livell tal-grupp.

1.60. Ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp għall-parti kwantifikabbli ta' dawn ir-riskji għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(a) fil-każ deskritt f'(a) billi jiġu applikati kalibrazzjonijiet differenti għall-moduli jew is-submoduli ta' riskju rilevanti minn dawk użati fil-livell individwali, jew billi jiġu applikati xenarji xierqa;

(b) fil-każ ta' (b) billi jiġu applikati xenarji xierqa.

1.61. Jekk il-grupp ma jkunx kapaċi jirrifletti l-profil tar-riskju fir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp minħabba r-riskji speċifiċi li jeżistu fil-livell tal-grupp kif deskritt aktar 'il fuq, is-superviżur tal-grupp wara li jikkonsulta lill-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati, għandu jkun kapaċi jimponi supplimentazzjoni kapitali għall-grupp, kif previst fl-Artikoli 232(a) u 233(6) tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II, jekk ikun xieraq.

Linja gwida 24 - Supplimentazzjoni kapitali għall-profil tar-riskju meta jintuża l-metodu 1

1.62. Meta tkun għet stabbilita supplimentazzjoni kapitali għall-profil tar-riskju fuq impriża relatata, u dik l-impriża relatata tiġi konsolidata skont il-metodu 1, is-superviżur tal-grupp għandu jivvaluta fil-livell tal-grupp is-sinifikat tad-devjazzjoni tal-profil tar-riskju mis-suppożizzjonijiet li fuqhom ikun ibbażat ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza, kif ikkalkulat bl-użu tal-formula standard jew mudell intern, u għandu jikkunsidra l-ħtieġa li tkun imposta supplimentazzjoni kapitali fuq ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp.

Linja gwida 25 – Supplimentazzjoni kapitali għall-governanza meta jintuża l-metodu 1

1.63. Meta tkun għet stabbilita supplimentazzjoni kapitali għall-governanza fuq impriża relatata ta' grupp, u dik l-impriża relatata tiġi konsolidata skont il-metodu 1, is-superviżur tal-grupp għandu jivvaluta fil-livell tal-grupp is-sinifikat tad-devjazzjoni mill-istandards stabbiliti fl-Artikoli 41 sa 49 tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II, u għandu jikkunsidra l-ħtieġa li tiġi imposta supplimentazzjoni kapitali fuq ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp.

Linja gwida 26 - Valutazzjoni tad-devjazzjoni fil-livell individwali, meta tkun għet identifikata devjazzjoni sinifikanti fil-livell tal-grupp

1.64. Meta tkun għet identifikata devjazzjoni sinifikanti fil-livell tal-grupp, l-awtorità superviżorja ta' impriża relatata għandha tivvaluta jekk id-devjazzjoni toħroġx mill-profil tar-riskju jew mis-sistema ta' governanza fil-livell tal-impriża relatata.

1.65. Jekk dan ikun hekk, l-awtorità superviżorja kkonċernata għandha tivvaluta s-sinifikat tad-devjazzjoni mill-profil tar-riskju jew mill-istandards tas-sistema ta' governanza, u għandha tikkunsidra l-ħtieġa li tiġi imposta supplimentazzjoni kapitali fil-livell tal-impriża relatata.

Linja gwida 27 – Supplimentazzjoni kapitali meta jintuża l-metodu 2

1.66. Fejn ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp kollu jew parti minnu tiġi kkalkulata bl-użu tal-metodu 2, kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali għall-profil tar-riskju stabbilita fuq impriża relatata li tkun inkluża taħt il-metodu 2, għandha tiġi miżjuda mar-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp għas-sehem proporzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 221(1)(b) tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II. L-għadd doppju tal-istess devjazzjoni mill-profil tar-riskju fil-livell individwali u tal-grupp għandu jiġi evitat.

Regoli dwar il-Konformità u r-Rappurtar

1.67. Dan id-dokument jinkludi Linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament dwar l-EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

1.68. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji gwida għandhom jinkorporawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.

1.69. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji gwida, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.

1.70. Fin-nuqqas ta' risposta sa din id-data ta' skadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu bħala mhux konformi u jiġu rappurtati bħala tali.

Dispożizzjoni finali dwar l-Eżamijiet

1.71. Il-Linji gwida preżenti għandhom ikunu soġġetti għal eżami mill-EIOPA.

Anness Tekniku 1

Kalkolu tal-kontribuzzjoni tas-sussidjarja tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għar-rekwiżit kapitali tas-solvenza ("RKS") tal-grupp [Linji gwida 12, 14 u 15]

$$\text{Contrj} = \text{SCRj} \times \text{SCRdiversified} / \sum \text{SCRisolo}$$

Fejn:

- SCRj huwa r-RKS fil-livell tal-entità individwali tal-impriża j;
- SCRdiversified = RKS ikkalkulat skont l-Artikolu 336(a) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
- SCRisolo huwa r-RKS fil-livell tal-entità individwali tal-impriża parteċipanti u kull impriża relatata tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz inkluża fil-kalkolu tal-SCRdiversified;
- il-proporzjon huwa l-aġġustament proporzjonali minħabba r-rikonoxximent tal-effetti tad-diversifikazzjoni fil-livell tal-grupp.

Għall-impriżi inklużi f'dejta konsolidata b'konsolidazzjoni proporzjonali, skont l-Artikolu 335(1)(c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, is-sehem proporzjonali tar-RKS fil-livell tal-entità individwali biss huwa inkluż fil-kalkolu ta' hawn fuq.